MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 731/1997/1

Tarcisio Saliba
vs
Kmandant Forzi Armati

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1987 u l-1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Huwa kien jahdem mal-Forzi Armati ta' Malta fir-Rank ta' Lance Bombardier. Huwa hass li gie maqbuz ingustament fil-promozzjonijiet ghall-Bombardier peress li n-nies li kellhom kwalifiki, esperjenza u seniority anqas minnu nghataw promozzjoni filwaqt li huwa ma nghatax promozzjoni li hass li haqqu bi dritt.

Huwa beda jahdem mal-Forzi Armati ta' Malta f'Lulju tal-1982 fir-Rank ta' Gunner u l-unika promozzjoni li kien ha kienet is-sena l-ohra (1996) meta sar Lance Bombardier wara 14-il sena servizz.

Fl-1988 baghtuh jahdem Hal-Safi "ic-Charging Plant" fejn ghadu hemm sal-gurnata tal-lum. Xoghlu kien jikkonsisti f'li jaghmel il-maintenance fuq il-Batteriji kollha tal-Forzi Armati. Qal li dan ix-xoghol kien jaghmlu kollu wahdu u jekk m'hux sejjer zball dan ix-xoghol hadd ma jaf jaghmlu hlief huwa.

Kemm ilu fl-Armata huwa dejjem obda l-ordnijiet tas-Superjuri tieghu u l-efficjenza tieghu tista tigi verifikata mas-Superjuri tieghu. Ried jghid li l-Ajutant Chircop li dak iz-zmien kien Kaptan u kien is-Superjur tieghu kien dejjem jirrakomandah ghall-promozzjoni. Fost dawk li hadu l-promozzjoni kien hemm diversi li kellhom kwalifiki u certament seniority ferm anqas minnu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjoni ghar-Rank ta' Bombardier jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:-

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi fir-rigward tal-promozzjonijiet li saru b'effett mill-11 ta' Mejju 1988 u dawk b'effett mill-1 ta' Ottubru 1990 ir-rikors promotur huwa inammissibbli fit-termini ta' l-Artikolu 5(3)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi fir-rigward tal-promozzjonijiet li saru b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 ir-rikorrent kien ipprevalixxa ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati. Jirrizulta li r-rikorrent kien ikkuntenta bir-risposta li kien tah l-ufficjal kmandant tieghu ta' dak iz-zmien cioe' li minhabba n-numru limitat ta' vakanzi li kienu jezistu dak iz-zmien ma kienx possibbli li r-rikorrent jigi promoss. Fl-istess hin ma rrizultax li hu kien kompla jressaq l-ilment tieghu quddiem il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u fil-fatt il-kwistjoni kienet ikkunsidrata maghluqa.

Illi tajjeb li jinghad li r-rikorrent kien inghata cans li jaghmel il-***Junior NCO Cadre Course*** li hu ma kienx ghadda minnu. Illi fil-promozzjonijiet tal-1988 dawk li gew promossi u li kienu junior tieghu kienu kwalifikati aktar mir-rikorrent. Illi fil-promozzjonijiet tal-1990 dak li gew promossi u li kienu junior tieghu kienu ikkwalifikati aktar mir-rikorrent, hlief ghal tnejn.

Illi tajjeb ukoll jinghad li ghalkemm ir-rikorrent inghata promozzjoni ghar-rank ta' Lance Bombardier fit-3 ta' Marzu 1996 xorta wahda r-rikorrent baqa' ma ghaddiex mill-cadre course ghall-Junior NCOs li sar fit-2 ta' Gunju 1997.

Illi li jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u, stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma nghatawx abbazi ta' anzjanita' u kwalifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif ukoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza dejjem skond ir-regolamenti applikabbli cioe' l-avviz legali Nru 91 tal-1970 u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent wahdu ma

jammontax ghal prova li saret xi distinjoni preferenza jew eskluzjoni indebita a skapitu tieghu fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi fl-ewwel lok, dan it-tribunal ghandu jiddiklina li jezercita l-gurisdizzjoni tieghu, u subordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.
Ra l-elenku tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Xehed ir-rikorrent fejn qal li fil-confidential report ta' kull sena dejjem gie rakkomandat tajjeb. Meta fl-1992 hargu l-promozzjonijiet li ma kien ha xejn hassu ddispjacut hafna u mar ikellem lil Lt. Chircop. Semma li dan qallu li kien irrakkomandah imma xorta ma nghatax promozzjoni. Zied jghid li kienu regghu hargu l-promozzjonijiet fl-1994 u meta skopra li ma sarx ghamel appuntament ma' Major Cutajar, is-CO li kien weghdu li darba ohra jkun imissu. Qal li rank li ha kien f'Marzu 1996 ghal Lance Bumbardier. Qal li qabel dak iz-zmien kien fil-grad ta' Gunner. Qal ukoll li l-ewwel kien gab il-class 3 education madwar 8 snin ilu. Xi sentejn qabel ma xehed gab il-class 2 education u ghamel il-cadre course ghall-habta tal-1985 u 1986 u ma kienx ghadda. Fl-ahhar nett qal li l-ilment tieghu hu fuq il-promozzjonijiet kollha bejn l-1987 u l-1995.

Il-Kaptan Marco Chircop qal li kien in charge mill-EME Company u r-rikorrent kien jahdem tahtu. Hu ddeskrivieh obbidjenti fuq xoghlu u kien jaghmel xoghlu sew u ma kienx jiehu sick leave. Qal li hu lir-rikorrent dejjem kien irrakomandah fil-confidential reports li kienu jsiru kull sena. Fl-1992 ma kienx gie kkonsultat biex jirrakomanda lir-rikorrent. Fl-1994 kien irrakkomandah ghal Lance

Bumbardier u r-rikorrent kien ha l-promozzjoni fl-1996. Qal li jikkunsidra lir-rikorrent bhala average; kien hemm min kien aghar u min kien ahjar minnu. Ir-rikorrent kien ottjena l-class 3 education fl-1991. Zied jghid li fl-1992 kien gie promoss wiehed biss mis-sezzjoni tieghu No 46 Axiaq li kien Gunner u sar Lance Bumbardier.

Xehed Lt. Col. Edmond Cutajar li qal li f'Jannar 1992 hu kien Commanding Officer tat-tieni regiment u jiftakar lir-rikorrent f'dan ir-regiment bhala battery charger. Saliba ma kienx rakkomandat minnu u spjega dan peress li r-rikorrent kien ghamel il-cadre course u m'ghaddiex.

Xehed Lt. Col. Mario Schembri li ghamel referenza ghad-dokumenti li gew esebiti mix-xhud Lt. Col. Cutajar. Spjega li wara li vverifika mhux veru kif qal ix-xhud Lt. Col. Cutajar. Fl-ewwel dokument qal li dawk huma lista ta' 37 persuni li qed jilmentaw dwar il-promozzjonijiet tal-1992; u li 22 minnhom jidhru fil-lista bhala 'no' peress li kienu accettaw ir-risposta tal-Kurunell Cutajar. Fir-rigward tat-tieni dokument qal li dan ma jikkonsistix f'rakkomandazzjonijiet, izda f'notamenti li saru rigward xi trades. Hu esebixxa kopja tar-rapport tal-promozzjonijiet ta' l-1988. Zied jghid li dakinhar inghatat importanza lill-cadre course. Hu esebixxa wkoll rapport bil-lista tal-promozzjonijiet b'effett minn Ottubru 1990, dawn kienu minn Gunner ghal Lance Bumbardier. Zied jghid li dakinhar kien hemm juniors tar-rikorrent li kellhom kwalifiki inqas minnu u li gew promossi fl-1992. Semma fost ohrajn lil Freeney Joseph. Fl-ahharnett qal li fil-promozzjonijiet ta' l-1988, il-cadre course kien rekwizit izda fl-1990 dan ma jidhirx li kien punt ta' 'failure'.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi riferibbilment ghall-eccezzjoni bazata fuq l-Artikolu 161 tal-Att dwar il-Forzi Armati din giet irtirata fit-23 ta' Settembru 1999.

Dwar il-mertu tar-rikors wiehed irid jezamina l-promozzjonijiet li nghataw wiehed wiehed. B' riferenza ghall-promozzjonijiet li saru b' effett mill-11 ta' Mejju 1988 ir-rikorrent bhala kwalifiki kellu nil fl-education, BMN A3 u

failed fil-cadre course. Kull min lahaq f' dik il-promozzjoni kullhadd kien ghadda mill-cadre course u ghalhekk dan jikkonferma dak li xehed fuqu l-Col. Schembri. Minn dawk li qabzu lir-rikorrent, hamsa kellhom Class 3 education u hamsa biss ghalhekk kellhom Nil fl-education, liema hamsa kollha naturalment kellhom il-cadre course. Inoltre erbgha minn dawk kellhom kwalifiki fit-trades, wiehed ferm aktar, wiehed daqs ir-rikorrent u tlieta ohra tnejn inferjuri u wiehed xejn. It-Tribunal ghandu dubji serji dwar Anthony Coreschi li l-unika kwalifika li kellu kienet il-cadre course u xejn fl-education u xejn fit-trades waqt li r-rikorrent xejn fl-education, xejn fil-cadre course u wahda biss fit-trades. Fil-fehma tat-Tribunal ma jirrizultawx l-elementi tal-ingustizzja fil-promotion exercise tal-11 ta' Mejju, 1988.

Dwar il-promotion exercise tal-1 ta' Ottubru 1990 ir-rikorrent inqabez minn 22 persuna li tnax minnhom kellhom education class 3 jew 2 waqt li r-irkorrent Nil u ghalhekk ma hemmx bzonn fuq dawk it-tnax li ssir evalwazzjoni ulterjuri. Sa dak iz-zmien ir-rikorrent bhala trades kellu BMN A3, DRV B3 u failed fil-cadre course. Ronald Abela kellu A3 u cadre course. Raymond Mallia, Tonna Angelo u Joseph Delmar kellhom zewg B3 u cadre course. Emanuel Saliba kellu A3 u cadre course waqt li Alfred Pace kellu A2 u cadre course. Frank Zerafa kellu B3, B2 u VM A3. Vincent Stellini kellu tnejn B3 u cadre course. Fuq dawn kollha t-Tribunal m' ghandux x' jikkummenta ghax jidher li ta' l-anqas min qabez lir-rikorrent kien kwalifikat daqsu. It-Tribunal sejjer jezamina l-promozzjoni ta' George Dimech u Joseph Galea. Dawn it-tnejn kellhom Nil fl-education, ebda cadre course, B3 bhala driver (ghalkemm mhux heavy duty) bhar-rikorrent waqt li r-rikorrent kellu wkoll A3. Fil-kaz tar-rikorrent "service counts from 29$^{th}$ July 1982" u fil-kaz ta' George Dimech u Joseph Galea 20/2/87 u cioe` hames snin wara r-rikorrent. It-Tribunal ghalhekk isib li saret ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent meta nghatat promozzjoni lil George Dimech u Joseph Galea minn Gunner ghal Lance Bumbardier fl-1990 u ma nghatatx lir-rikorrent meta hu kien senior taghhom b' hames snin u bhala trades kellu aktar meta wiehed iqis ukoll li kien kunsidrat favorevolment bhala haddiem tajjeb mis-superjuri tieghu.

Ghalhekk jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat dwar il-promozzjonijiet tal-1990.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment dwar il-promozzjonijiet tal-1990 gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Lance Bombardier b'effett mill-1 ta' Ottubru, 1990 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------